MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 509/2000/1

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Brian Vella**

Il-Qorti,

Ra l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u disghin liri Maltin u sitta u hamsin centezmi (Lm397.56) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta attrici ghall-perjodu mill-5 ta' Awissu 1998 sat-12 ta' April 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ammont pretiz ma jirreferix ghall-uzu tal-mobile li ghalih ikkuntratta l-eccipjent. L-eccipjent m'ghandux jaghti l-ammont mitlub.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif risultanti mill-verbali tas-seduti tal-11 ta' Frar 2003 u tas-27 ta' Mejju 2003, il-konvenut ma ssottometta ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sottomessa minnu.

Illi da parti tas-socjeta attrici, giet prodotta sabiex tixhed, <u>Sharon Calleja</u> (fol 21 ibid) kif ukoll esebiet <u>zewg dokumenti</u> (fol 18 u 19 tal-atti) li huma <u>rendikont dettaljat</u> tal-ammont pretiz fl-avviz kif ukoll l-'<u>order form</u>' relattiva ghal dan il-kaz u ffirmata mill-konvenut. Minn dawn il-provi jidher b'mod car u evidenti, li l-ammont pretiz fl-avviz ghadu, sallum, dovut mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm397.56,0 bl-imghax legali mis-26 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja msemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------